# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

**Kumpilazzjoni numru 56/95**

**Illum 18 ta' Lulju, 2001**

Il-Pulizija
(spettur Jimmy Abela)
(spettur Marisa Camilleri)

VS

Marion Buhagiar

**IL-QORTI**

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzata u dan talli fl-1 ta' Novembru, 1994 ghall-habta ta' xi 6.30 a.m. go triq Matty Grima, f'Bormla:

1. kisret il-bon ordni u il-paci pubblika bl-ghajjat u bil-glied.

2. Ikkagunat griehi ta' natura gravi (per durata) fuq il-persuna ta' Teresa Bellotti minn Bormla, skond ma iccertifika it-tabib Michael A Borg ta' Wied il-Ghajn.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli taghti l-piena stabbilita meta jidhrilha xieraq, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Teresa Bellotti jew sabiex jinzamm il-bon ordni torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissasta mill-istess Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 4 tal-process li biha ta il-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputata tiddikjara li ma ghandiex oggezzjoni ghal din il-procedura.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi in ezami jirreferu ghal incident, ossija glieda, li grat fl-1 ta' Novembru, 1994 bejn l-akkuzata u Teresa Bellotti.

Hawnhekk il-prosekuzzjoni qed tallega li bhala konsegwenza tal-istess incident, Teresa Bellotti sofriet ferita gravi 'per durata' u in sostenn ta' dan, esebit zewg certifikati medici (fol 23 tal-atti mmarkati dok JA1 u Dok JA2) rilaxxati minn Dottor Michael A. Borg.

Mill-ewwel certifikat jidher li Teresa Bellotti kienet giet ezaminata fl-1 ta' Novembru, 1994 ghall-habta tat-7.45 p.m., u instab li kellha brix superficjali fuq wiccha, kagunat minn dwiefer, kif ukoll kontuzjoni, ossija 'blunt injury' (nefha bil-hmura) fuq ghonqha, liema feriti gew ikklassifikati bhala ta' natura hafifa.

Pero, meta hi regghet giet ezaminata fis-6 ta' Dicembru, 1994, jidher, mit-tieni certifikat mediku esebit, illi l-ferita f'ghonq Teresa Bellotti ma kienitx fieqet, anzi, "in spite of treatment, there is little progress and progress is poor" (ara fol 20 sa 22 tal-atti).

Illi l-istess tabib, meta xehed f’dawn il-proceduri spjega (fol 28 tal-atti) illi in rigward il-ferita f’ghonqha, Teresa Bellotti kellha “....ugigh qawwi fuq ghonqha u dan bhala konsegwenza ta’ infjammazzjoni fl-ispina cervikali”.

Hawwnehkk, l-istess tabib ipotizza li Teresa Bellotti kienet qed tbati minn artrite u dan minhabba li kienet qalghet daqqa permezz ta’ ‘blunt instrument’, l-istess artrite giet aggravata. In rigward l-istess ferita, it-tabib xehed “.... ikun difficli illi ferita bhal din setghet giet kagunata b’waqgha .....”

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward il-parti lesa, din giet prodotta sabiex tixhed quddiem din il-Qorti, in konnessjoni ma’ dan l-incident, izda ghazlet li ma tixhidx minhabba proceduri kriminali pendenti quddiem Qorti ohra, in konnessjoni mal-istess incident (ara fol 17 u 18 u 34 tal-atti). Sallum l-istess parti lesa ma xeheditx dwar l-istess incident.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, pero gew prodotti diversi xhieda li kienu fil-vicinanzi immedjati, meta gara dan l-incident fi Triq Matti Grima Bormla. Dawn kienu is-segwenti:

a. <u>Carmen Attard</u> (fol 29 et seq ibid) li taghha, kemm il-parti lesa kemm l-akkuzata huma girien. Din kienet hierga mid-dar taghha ghall-habta tas-6.30 a.m. meta semghet hoss “ta’ zewg persuni qieshom qed jiggieldu”. In oltre rat xi nies mal-art imqabbdin ma’ xulxin. Wara li dawn gew imferrqin minn nies ohrajn, wahda minnhom, ossija l-istess Teresa Bellotti, iddahhlet fid-dar tax-xhud minn fejn wara li xi hadd meshilha wiccha, l-istess parti lesa ‘telqet ‘l hemm malajr”.

b. <u>Emanuel Azzopardi</u> (fol 31 et seq ibid) li ddeskriva lilu innifsu bhala ‘habib ta’ kull hadd’ kien ra lill-akkuzata tiela

l-fuq fit-triq imsemmija kif ukoll lil Teresa Bellotti niezla fl-istess triq. Kif dawn waslu vicin xulxin, hu kien sema lit-tnejn jghidu xi haga. Dan ix-xhud, pero, ma setax jghid x'kienet qalet l-akkuzata waqt li hu xehed li sema' lill-parti lesa tghid lill-akkuzata "hallini, jiena ma ghamiltlek xejn". Sussegwentement, hu ra lill-akkuzata taghti daqqa bi flixkun ("l-ewwel daqqa") fuq in-naha ta' wara ta' Teresa Bellotti fuq daharha lejn in-naha ta' ghonqha. Wara, kemm l-akkuzata kemm il-parti lesa, kienu iggieldu u kienu it-tnejn mal-art sakemm it-tnejn gew imferrqin mix-xhud u minn Joseph Magro. In rigward il-flixkun imsemmi, ix-xhud ippreciza li dan kien wiehed tal-halib vojt u fill-fatt kien ra lil certa Frida Buhagiar, omm ir-ragel tal-akkuzata, tigbru u tigri 'l hemm bih. In oltre, filwaqt li testwalment sahaq "ma ghandi l-ebda interess sabiex indoqq qanpiena wahda biss, illum" hu kien sema "xi xnieghat dwar 'xi telefonati'".

c. Angela Tanti (fol 43 et seq ibid) ma jidhirx li rat il-glieda in kwistjoni. Pero wara l-istess glieda, hi kienet rat lil Alfrida Buhagiar, gia imsemmija, waqt li din kienet qed tigbor flixkun shih, vicin il-hajt u dan wara li semghet lir-ragel tal-parti lesa jghajjat "arawha, arawha qed tigbor il-flixkun". In oltre fil-konfront tal-akkuzata kienet xehedet "minn dak li stajt nara, l-akkuzata ma kellha ebda ferita", u "f'wicc l-akkuzata ma rajt l-ebda demm".

d. Paul Tanti (fol 47 et seq ibid) mizzewweg lix-xhud precedenti, ma kienx ra l-isvolgiment tal-istess glieda.

e. Alfrida Buhagiar (fol 51 et seq ibid) wara li xehedet li binha kien mizzewweg mal-akkuzata, qalet li kienet fir-residenza taghha meta semghet storbju kbir u jidher li meta harget barra kienet rat lill-akkuzata, ma' zewgha, u irrimarkat "x'wicc ghandek" in vista li l-akkuzata kellha "hafna grif u demm" fuq wiccha. In oltre hi kienet marret sabiex tigbor ix-xirja li kienet ghamlet l-akkuzata, liema xirja kienet tikkonsisti fi flixken kienu fuq it-triq.

f. Joseph Bellotti (fol 58 et seq ibid) ir-ragel tal-parti lesa kien sema hafna storbju u meta hareg barra kien ra lill-akkuzata “tidhak” u “tghid sa fl-ahhar tajtielha”. In oltre, martu kellha wiccha mimli demm. In rigward l-akkuzata hu sostna “huma imqabbdin maghna ghal xejn”.

g. Joseph Magro (fol 61 et seq ibdi) wara li sema mara tghajjat ghall-ghajjut kien hareg barra mir-residenza tieghu u ra zewg nisa jiggieldu b’idejhom u jaghtu lil xuxlxin, it-tnejn bil-wiefqa. Ghalhekk hu ferraqhom. Waqt l-incident, hu ma kienx ra xi flixkun.

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzata irrilaxxat stqarrija bil-miktub u li tinsab annessa mal-atti a fol 24 immarkata Dok JA 3. F’din l-istqarrija hi allegat, li kif Teresa Bellotti giet hdejha, fl-imsemmija triq, il-parti lesa kienet qaltilha “inti cempiltilna ergajt ja qahba”, waqt li l-akkuzata wiegbitha “qieghda tinfamani ergajt”. Hawnhekk Teresa Bellotti “qabdet taghtini u jiena ma nafx kif spiccajt fid-dar tieghi”. Hi sostniet ukoll li “meta beda l-argument, jiena nehhejt kollox (flixkun tal-halib u portmoni) minn idi”.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li l-unika xhud prodott li ra l-incident, mill-bidu kien Emanuel Azzopardi, li specifika li wara li iz-zewg nisa involuti kienu qalu xi kliem lil xulxin, kien ra lill-akkuzata taghti daqqa ta’ flixkun kif hawn fuq deskritt, fuq in-naha ta’ wara ta’ ghonq Teresa Bellotti liema daqqa tikkorrispondi ma’ dak specifikat fic-certifikat mediku a fol 23 tal-atti immarkat Dok JA 1; fejn jinghad li Teresa Bellotti kienet “suffering from blunt injury (contusion) over nape of neck”.

Illi l-Qorti ma ghandha ebda dubbju dwar il-veracita tax-xhieda tal-istess Emmanuel Azzopardi. In fatti ma ingiebet ebda prova a konjizzjoni Taghha sabiex setghet tiddubita li dak li xehed dan ix-xhud ma kienx, effettivament, jirrifletti dak li verament gara f'dan il-kaz.

Ghalhekk il-konkluzjoni trid tkun li l-akkuzata hebbet ghall-parti lesa bl-istess flixkun imsemmi u ikkagunatilha ferita kif deskritta.

Illi in rigward il-premess, ghandu jinghad:

a) Li f'dan il-kaz, li trattasi ta' ferita gravi, hu mehtieg li l-intenzjoni tkun wahda <u>generika</u> fis-sens li l-akkuzata trid tigi kunsiderata bhala li riedet dak li effettivament irrizulta b'mod naturali permezz tad-daqqa li hi tat lill-parti lesa bil-flixkun li ssemma.

b) Li f'dan il-kaz jidher <u>probabbli</u> li l-akkuzata setghet kienet qed tagixxi taht <u>provokazzjoni</u> minhabba xi kliem li ntqal mill-parti lesa u dak li gie allegat in rigward telefonati li setghu graw qabel dan l-incident (ara l-artikolu 227 (a) u 230 (b) tal-Kodici Kriminali.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghalhekk l-akkuzata ghandha tinstab hatja ta' ksur ta' bon ordni u paci pubblika kif ukoll ta' ferita ta' natura gravi per durata fil-konfront ta' Teresa Bellotti izda bl-attenwanti tal-provokazzjoni skond l-artikolu hawn fuq imseemi.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti issib lill-akkuzata hatja talli fl-1 ta' Novembru, 1994 ghall-habta tas-6.30a.m., go Triq Matti Grima Bormla:

1. kisret il-bon ordni u il-paci pubblika bl-ghajjat u bil-glied.

2. Ikkagunat griehi ta' natura gravi (per durata) fuq il-persuna ta' Teresa Bellotti minn Bormla, skond ma iccertifika it-tabib Michael A Borg ta' Wied il-Ghajn.

U dan skond l-artikoli 214, 215, 216 (1) (d), 227 (c), 230 u 338 (dd) tal-Kodici Kriminali.

In rigward piena il-Qorti wara li kkunsidrat:

i) Il-fedina penali tal-akkuzata, li fil-fatt kienet ikkommettiet biss zewg kontravenzjonijiet taht l-artikolu 338 (dd) gia citat.

ii) Li l-akkuzata, kif premess, jidher li kienet qed tagixxi taht provokazzjoni,

tara li piena ta' prigunerija ma hiex rakkommandabbli f'dan il-kaz, izda tapplika l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, abbinat mal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk il-Qorti tordna li l-akkuzata tigi liberata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sena millum.

In oltre, tordna li l-akkuzata tobbliga ruhha li bl-ebda mod ma timmolesta lil Teresa Bellotti taht penali ta' mitt lira maltin (LM100) ghal perjodu ta' sena millum stess.

Alan Calleja
Deputat Registratur                    Veru kopja.

Ghar-Registratur